# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Numru**

**Appell numru 380/00**

**Joseph Difesa**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**

**Il-Qorti;**

## I. PRELIMINARI

1. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu, fil-qosor, is-segwenti:-

(a) Joseph Difesa kien ipprezenta applikazzjoni ghall-permess tal-izvilupp quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Din l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Kien sar appell minn dik id-decizjoni tal-Awtorita' quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord"),

b'ezitu negattiv ghal Joseph Difesa. Joseph Difesa appella minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti, izda dana l-appell ma giex milqugh.

(b) Joseph Difesa, sussegwentementipprezenta applikazzjoni ohra quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Jidher li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet jekk din l-applikazzjoni kienitx wahda identika mal-applikazzjoni precedenti jew kienitx semplicement simili ghaliha. Effettivament, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar irrifjutat li tohrog il-permess mitlub. Billi Joseph Difesa hassu aggravat minn din id-decizjoni huwa appella minn din id-decizjoni ta' l-Awtorita' quddiem il-Bord.

(c) Fil-mori tal-appell quddiem il-Bord, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar issollevat l-eccezzjoni ta' natura procedurali, ezattament l-eccezzjoni tar-*res judicata*. Din l-eccezzjoni kienet bazata fuq l-allegazzjoni maghmula mill-Awtorita' li dik l-applikazzjoni kienet tal-istess persuna, saret fuq l-istess sit u saret tant vicin ghall-applikazzjoni precedenti li ma kien hemm ebda bidla fil-*planning policies* tal-pajjiz.

(d) Jidher li din l-eccezzjoni giet trattata kemm oralment mid-difensuri tal-partijiet kif ukoll b'noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub.

2. Il-Bord ta d-decizjoni tieghu fit-30 ta' Ottubru 2000. Id-decizjoni tal-Bord tirriproduci testwalment is-sottomissjonijiet bil-miktub li ghamlu

l-partijiet quddiem il-Bord. Bid-decizjoni tieghu, il-Bord cahad din l-eccezzjoni tar-*res judicata* u ddifferixxa l-appell ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh wara li mmottiva din id-decizjoni tieghu b'dan il-mod:-

"Il-kwistjoni li ghandu quddiem il-Bord mhix semplici. Hemm pero' certu aspetti li jridu jigu elenkati:-

- Dan il-Bord huwa bord amministrattiv li huwa fdat b'certu decizjonijiet limitati unikament ghal kwistjoni ta' pjanar – u ligi relattiva.

- L-appelli minn dan il-Bord huma limitati ghal punti ta' ligi decizi mill-Bord.

- Appell fuq id-decizjoni li jiehu l-Bord fuq il-fatti ma hemmx – hemm biss (fejn applikabbli) ir-regola generali ta' *judicial review of administrative discretion*.

- Il-*policies* jinbiddlu kontinwament – kemm permezz ta' hrug ta' *policies* godda u kemm ghal ragunijiet ohra (infatti recentement kien hemm tibdila sostanzjali f'regoli li jigu applikati ghal kull zvilupp). Wiehed jista' jirreferi biss per ezempju ghas-sitwazzjoni ta' swimming pools ODZ li sa ftit xhur ilu kienu assolutament inaccettabbli (suppost) mentri llum huma accettabbli taht certu regoli.

- Intuzat il-kelma *suppost* apposta mill-Bord ghaliex il-Bord ra sallum diversi permessi mahruga fejn mhux suppost ikunu mahruga. Kull kaz ghalih!

Tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha l-Bord ma jarax kif jista' jwaqqaf dan l-appell hesrem fuq bazi ta' *res judicata*. L-Awtorita' ghandha kull ragun tghid li jaf ikun hemm element kbir ta' hela ta' hin fejn wiehed irid jerga jara applikazzjoni ohra fuq l-istess sit izda – fid-dawl ta' dak li ntqal fuq il-Bord huwa tal-opinjoni li l-kwistjoni ta' *res judicata* m'ghandhiex tintuza sabiex tohnoq applikazzjonijiet li jsiru fuq l-istess post. Sabiex ikun hemm *res judicata* l-Bord jifhem li jrid ikun hemm kollox l-istess sia mil-lat ta' applikant sia mil-lat ta' *policies* applikabbli. Fl-isfond ta' *policies* li jinbiddlu sena wara sena – u *policies* li jigu applikati b'certu *inkonsistenza* il-Bord huwa tal-opinjoni li l-eccezzjoni ta' nullita' mqajjma mill-Awtorita' ghandha tigi michuda.

> Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi fil-materja ta' pjanar huwa dak li huwa accettabbli llum jista' facilment ma jkunx accettabbli fil-futur u *vice-versa*. Ghalhekk min qed jaghzel li jaghmel zvilupp u (a spejjez tieghu) jipprova jiehu permess ma ghandux jigi mwaqqaf milli jaghmel l-applikazzjonijiet tieghu kif u meta jrid – wara kollox qed nitkellmu dwar ligi li ma tikkreja ebda preskrizzjoni la favur u lanqas kontra l-izviluppi.
>
> Naturalment xejn ma jipprekludi lill-Awtorita' milli tirreferi ghall-applikazzjonijiet fuq l-istess sit li jkunu gja' gew decizi, izda li wieehd jghid li l-appell huwa *a priori* null billi jittratta dwar *res judicata* huwa inkorrett. Id-dritt li wiehed jerga japplika ghandu jissussisti dejjem."

## **<u>II. L-APPELL</u>**

3. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar hassitha aggravata minn din id-decizjoni, u ghalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti. Ghall-precizjoni jinghad illi r-rikors tal-appell sar mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp kif ukoll mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar li taghha l-Kummissjoni hija d-delegata.

4. L-aggravju li tressaq fir-rikors tal-appell jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-Bord zbalja meta ddecieda din l-eccezzjoni semplicement b'mod generali fuq il-motiv li l-*policies* jinbidlu sena wara sena kif ukoll il-*policies* jigu applikati b'certa inkonsistenza. L-appellanti jilmentaw li l-Bord ma dahalx fil-meriti propji tal-kaz odjern, kif kellu d-dmir li jaghmel, billi jezamina l-atti u l-fatti specji partikolari tal-kaz biex jaghti decizjoni fuq l-eccezzjoni tar-*res judicata*, proprju kif tolqot il-kaz odjern u mhux semplicement b'mod generali.

5. Ghalhekk, l-appellanti talbu li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord, b'talba li din il-Qorti tibghat lura l-kaz quddiem il-Bord biex jiddeciedi l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghall-kaz li kellu quddiemu.

6. Joseph Difesa kkontesta dana l-appell u ressaq eccezzjonijiet kemm ta' natura procedurali u kemm ukoll fil-meritu, u cioe':-

> "Illi fl-ewwel lok l-appell huwa null ghax ma jinghatax appell minn decizjoni *in parte*;
>
> Illi fit-tieni lok l-appell huwa null ghax ma hemm l-ebda punt ta' ligi deciz hazin;
>
> Illi fit-tielet lok u fil-meritu d-decizjoni hija wahda korretta u timmerita konferma. Huwa sottomess li l-konkluzjoni tal-Bord li kull applikazzjoni trid tigi deciza fuq il-meritu taghha. Huwa evidenti, kif qal l-istess Bord, li hemm diversi fatturi li, fil-kaz ta' applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp, jitbiddlu maz-zmien li jaghmlu l-kuncett rigidu ta' 'res judicata' kompletament inapplikabbli ghall-kaz.
>
> Ghalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett li l-appell ghandu jigi rigettat."

## <u>III.</u> <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

7. Fl-ewwel lok trid tigi investigata u deciza l-ewwel eccezzjoni tal-appellat Joseph Difesa. B'din l-eccezzjoni l-appellat qieghed jeccepixxi li l-appell maghmul mill-appellanti kien null ghaliex mhuwiex permess li

jsir appell minn decizjoni *in parte*. Ovvjament jekk din l-eccezzjoni tigi milqugha din il-Qorti jkollha tieqaf hemm u jkollha tibghat l-atti lura lill-Bord biex huwa jkompli jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

8. Huwa risaput li meta d-decizjoni ta' Qorti jew Tribunal tkun wahda finali, l-istess decizjoni ssir *res judicata* u din id-decizjoni tkun tikkostitwixxi "l-ligi" ghall-partijiet. Is-sahha tal-gudikat huwa proprju hawn:- li l-partijiet ikunu marbutin li josservaw dak li d-decizjoni finali tkun iddecidiet. Ghalhekk, ma jistghux iqajmu l-istess kaz mill-gdid. Jekk xi hadd minnhom jittanta jaghmel hekk, il-parti l-ohra tista' tissolleva l-eccezzjoni tar-*res judicata*. Din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk ikun jissussisti l-konkors tat-tlett elementi, cioe' "eadem personae", "eadem res", u "eadem cautio petendi". Fi kliem iehor din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk is-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghall-istess oggett, u fuq l-istess kawzali.

9. Quddiem din il-Qorti gie sollevat il-punt interessanti jekk din l-eccezzjoni tar-*res judicata* hijiex applikabbli jew le ghad-decizjonijiet amministrattivi u partikolarment ghad-decizjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Dina l-Qorti mhix sejra tippronunzja ruhha fuq din il-kwisjtoni li sejra tithalla ghalhekk inpregudikata, billi l-Qorti sejra tinvestiga kwistjoni ohra sollevata fir-risposta tal-appell tal-appellat. Infatti, l-appellat qieghed isostni li l-appell odjern maghmul mill-Awtorita'

ta' l-Ippjanar kien wiehed null ghaliex mhux permess li jsir appell minn decizjoni "in parte" tal-Bord.

10. Kif rajna, l-appellanti ppruvaw iwaqqfu l-proceduri quddiem il-Bord billi hemmhekk issollevaw l-eccezzjoni tar-*res judicata*. Il-Bord cahad din l-eccezzjoni u ddifferixxa l-kaz ghall-kontinwazzjoni.

11. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan l-appell, fil-prattika, sar inutilment. Infatti, fid-decizjoni appellata tal-Bord, l-istess Bord espressament qal li xejn ma kien jipprekludi lill-Awtorita' milli tirreferi ghall-applikazzjonijiet fuq l-istess sit li kienu gja' gew decizi. Issa, fl-appell odjern l-appellanti qieghdin jitolbu li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord u tibghat lura l-atti lill-istess Bord biex jiddeciedi l-kwistjoni tar-*res judicata* abbazi tal-fatti specji partikolari tal-kaz. Din il-Qorti qalet li dan l-appell fil-fehma konsiderata taghha kien inutili propju ghaliex li kieku l-kaz thalla jitkompla quddiem il-Bord, il-Bord kien proprju sejjer jaghmel dak li l-appellanti jixtiequ jottjenu b'dana l-appell. Dana jfisser li fil-fehma tal-Qorti l-appell odjern serva biss biex tawwal il-proceduri, hela l-hin ta' hafna nies, aggrava l-parti l-ohra u jista' jkun ukoll li aggrava terzi persuni li setghu kienu nteressanti fl-ezitu tal-istess appell.

12. Apparti mill-kwistjoni tal-idonejita' o meno tal-istess appell, kwistjoni li giet trattata fil-paragrafu precedenti, il-Qorti issa sejra tara

jekk bil-ligi, l-appellanti setghux validament iressqu l-appell li effettivament ressqu quddiem din il-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-Bord ta d-decizjoni illi ta u li giet appellata, huwa kien qieghed jirregola l-proceduri tieghu fis-sens tal-artikolu 15(9) tal-Att Numru 1 tal-1992 kif ukoll tal-paragrafu 10 tat-Tielet Skeda annessa mal-istess att. Din il-Qorti diga' esprimiet il-fehma taghha fid-decizjoni li tat fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Morguello vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar" fl-14 ta' April 1997:-

> "Ikun kontrosens lampanti li takkorda lill-Bord is-setgha li jirregola l-proceduri tieghu, u fl-istess nifs tassoggetta l-provvedimenti li jinghataw in esekuzzjoni ta' din is-setgha, ghas-sindakabbilita' ta' Awtorita' ohra."

13. Fl-imsemmija sentenza din il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghall-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u qalet hekk:-

> "Anke l-istess ligi generali tal-procedura (ara l-artikolu 229 tal-Kap. 12) tillimita drastikament l-appelli li jistghu jsiru minn digrieti interlokutorji li jinghataw mill-<u>Qrati ordinarji</u>. F'hafna kazi li l-ligi telenka, l-appell mill-istess digriet jista' jsir <u>biss</u> wara l-ghoti ta' sentenza definittiva u flimkien mal-appell minn dik is-sentenza u d-digrieti relattivi ma jistghux jigu kkontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva. F'kazijiet ohrajn, id-digriet jista' jigi appellat biss qabel is-sentenza definittiva, <u>jekk</u> il-Qorti li tkun ittrattat il-kaz, taghti permess specjali biex dan isir (artikolu 229(3)). Huwa verament fi ftit kazijiet biss (ara artikolu 229(2)) li l-ligi taghti d-dritt ta' appell minn digrieti interlokutorji. Inoltre l-ligi, fl-artikolu 229(9) tipprovdi wkoll ghas-sanzjoni ghall-appelli frivoli jew vessatorji mhux biss bil-possibbilita' tal-ispejjez doppji izda wkoll bil-possibbilita' tal-imposizzjoni ta' penali favur l-appellat li ma teccedix elf lira. Disposizzjoni li turi bic-car l-intenzjoni tal-legislatur li anke fil-proceduri quddiem il-Qrati ordinarji, l-appelli minn digrieti interlokatorji ghandhom ikunu limitati ghal kawzi li verament ikun jisthoqqilhom tali trattament.

Issa, jekk dan hu hekk quddiem il-Qrati ordinarji, fejn il-proceduri huma bil-wisq iktar formali minn quddiem Tribunal amministrattiv, kif jista' wiehed jikkontempla li l-legislatur qies li kwalunkwe digriet interlokotorju, li jinvolvi xi punt ta' dritt, moghti mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, ikun soggett tal-appell quddiem din il-Qorti. Infatti, wiehed mill-iskopijiet ewlenin tat-twaqqif ta' dawn it-Tribunali amministrattivi huwa ezattament ix-xewqa li l-proceduri jigu trattati minn korp specjalizzat bi speditezza, biex b'hekk ikun jista' jigi deciz finalment il-meritu, fi zmien ferm aqsar milli hu possibbli ghall-Qrati ordinarji. Certament, dan l-iskop jiddilwixxi ruhu, jekk mhux ukoll jispicca fix-xejn, jekk tali digrieti li jirregolaw il-procedura jitqiesu appellabbli qabel id-decizjoni definittiva tal-Bord. U dan huwa nocif mhux biss ghall-parti aggravata izda possibbilment ukoll ghal xi sezzjoni mill-pubbliku li tkun qieghda tigi affettwata mill-izviluppi in kwistjoni."

14. Jekk dan l-insenjament jigi applikat ghall-kaz odjern, wiehed isib li bl-eccezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar quddiem il-Bord, l-istess Awtorita' kienet qieghda tipprova li twaqqaf il-proceduri tal-appell intentati mill-appellat Difesa. Insibu li l-artikolu 229(1)(m) tal-Kap. 12 jippermetti li jsir appell minn <u>digriet li ma jilqax talba ghall-waqfien mill-procedimenti,</u> biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien mal-appell minn din is-sentenza billi dan it-tip ta' digriet ma jistax jigi kkontestat qabel ma tinghata s-sentenza definittiva. Divers kien ikun il-kaz li kieku d-digriet jordna l-waqfien tal-procedimenti billi, f'dan il-kaz partikolari, l-appell qabel is-sentenza definittva huwa permess bis-sahha tal-artikolu 229(2)(e).

15 Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, ir-ragunament ta' din il-Qorti kontenut fis-sentenza citata aktar qabel japplika in toto ghad-decizjoni appellata tal-Bord u konsegwentement il-Qorti jidhrilha li dik id-decizjoni

appellata ma kienitx appellabbli qabel id-decizjoni finali tal-Bord. Kwindi l-eccezzjoni preliminari tal-appellat Difesa hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara irritu u null l-appell intavolat mill-appellanti u tibghat lura l-atti lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sabiex ikompli jisma' u jiddeciedi l-kaz skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-appell jithallsu mill-appellanti.

Dep/Reg

mg